

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Ir-ritorn ta' oġġetti ta' kultura illegalment imneħħija mit-territorju ta' Stat Membru (Verżjoni kkodifikata)**

COM(2007) 873 finali — 2007/0299 (COD)

(2008/C 162/08)

Nhar it-8 ta' Frar 2008, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 95 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, dwar

*Il-Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-ritorn ta' oġġetti ta' kultura illegalment imneħħija mit-territorju ta' Stat Membru (Verżjoni kkodifikata)*

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa kompletament sodisfaċenti u m'hemm bżonn ta' l-ebda kummenti min-naħħa tiegħu, iddeċieda, matul l-442 sessjoni plenarja tiegħu tat-13 u l-14 ta' Frar 2008 (seduta tat-13 ta' Frar), b'141 voti favur, vot wieħed kontra u astensjoni waħda, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost.

Brussell, it-13 ta' Frar 2008

Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew  
Dimitris DIMITRIADIS

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar materji koloranti li jistgħu jiżdiedu ma' prodotti mediċinali**

COM(2008) 1 finali — 2008/0001 (COD)

(2008/C 162/09)

Nhar il-31 ta' Jannar 2008, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea ddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 95 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*Il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar materji koloranti li jistgħu jiżdiedu ma' prodotti mediċinali (Riformulazzjoni)*

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa kompletament sodisfaċenti u li m'hemm bżonn ta' l-ebda kummenti min-naħħa tiegħu, iddeċieda, matul l-442 sessjoni plenarja tiegħu tat-13 u ta' l-14 ta' Frar 2008 (seduta tat-13 ta' Frar), b'122 vot favur, vot kontra u 4 astensionijiet, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost.

Brussell, it-13 ta' Frar 2008

Il-President  
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew  
Dimitris DIMITRIADIS